# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 12 ta' Marzu tas-sena 2002.**

**Numru 6**

**Avviz numru 1410/00/SM**

**Frangelica Camilleri**

**vs**

**Joe Pace**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat id-29 ta' Settembru tas-sena 2000 li permezz tieghu l-attrici sejhet lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

**1. Ihallas ghad-danni kkagunati minnu fl-incident awtomobilistiku tal-1 t'Ottubru, 1999 li sehh f'Notabile Road, Mriehel, liema incident sehh unikament kawza tas-sewqan traskurat u negligenti da parti tieghu meta kien qieghed**

**isuq il-vettura tal-marka Ford Transit b'numru ta' registrazzjoni CGL-004, propjeta' ta' Carmel Gauci, liema danni ma jeccedux l-elf Lira Maltin, (LM1000);**

**2. Il-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata t-28 ta' Frar tas-sena 2001 li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

**1. Illi t-talbiet attrici ghandhom ikunu michuda stante li l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax htija tal-eccipjent u ghaldaqstant ma hemmx danni x'jigu likwidati favur l-attrici;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ghandhu jinghad illi l-procedura odjerna hija irrita u dana stante illi l-avviz odjern ma jaghmilx referenza ghal valur tad-danni pretizi mill-attrici u lanqas hemm talba specifika sabiex din l-Onorabbli Qorti tillikwida d-danni sofferti mill-attrici;**

**3. Salvi eccezzjonijiet ohra premessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Semghet it-trattazzjoni orali tar-rapprezentanti legali tal-partijiet;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident in dizamina sehh fl-1 t'Ottubru ta' l-1999 f'Notabile Road, Mriehel, u fih kienu nvoluti l-vetturi wahda tal-marka Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni HAB-919 misjuqa mill-attrici Camilleri u l-ohra tal-marka Ford Transit bin-numru ta' registrazzjoni CGL-004 misjuqa**

**mill-konvenut Pace ghalkemm proprjeta' ta' Carmel Gauci;**

2. **Illi waqt li l-attrici kienet qed issuq fil-karreggjata esterna, xeghlet l-'indicator' u waqqfet biex iddur lejn il-lemin fid-direzzjoni mir-Rabat ghall-Belt;**

3. **Illi proprju f'dan il-mument il-konvenut, li kien qed isuq wara l-attrici dahal fiha, u bl-impatt il-vettura ta' l-attrici giet spustata l-quddiem;**

4. **Illi jirrizulta li gie pulizija fuq il-post li nforma lill-partijiet involuti li la darba l-kaz kien wiehed "bumper to bumper" allura l-partijiet imlew il-formoli appoziti;**

5. **Illi l-attrici soffriet danni ammontanti ghall-mitejn u sitta u disghin Lira Maltin u sitt centezmi, (LM296.06,0);**

**Ikkonsidrat:**

**Illi fil-versjoni tieghu l-konvenut isostni li hu kien qed isuq ukoll fil-karreggjata esterna tat-triq in dizamina b'velocita' normali meta giet l-attrici quddiemu u sehh l-incident;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-versjoni tal-konvenut mhix verosimili u qed tigi respinta;**

**Ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta mill-versjoni attrici u konsegwentement:**

1. **Tiddikjara li l-konvenut Joe Pace hu unikament responsabbli ghall-incident in dizamina;**

2. **Tillikwida d-danni sofferti mill-attrici fl-ammont ta' mitejn u sitta u disghin Lira Maltin u sitt centezmi, (LM296.06,0);**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Joe Pace ihallas lill-attrici Frangelica Camilleri l-ammont hekk likwidat bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**